MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2008

Numru. 710/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Dennis Theuma**

**vs**

**Costantino Muscat**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Costantino Muscat ta' 77 sena iben Giovanni u Nazzarena nee' Azzopardi imwieled in-Naxxar fit-30 ta' Awissu 1927 u residenti 17, Triq Preziosi l/o Lija u detentur tal-karta tal-identita' numru 593627 (M) li gie imressqa quddiemha akkuzat talli:-

F'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' April 2004 u fi zmien ta' qabel b' diversi atti maghmulin minnu anki jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li kienu

maghmulin b' rizoluzzjoni wahda ; bhala detentur tal-fond 17, Triq Preziosi l/o Lija jew bhala persuna li kellu f' idejh l-imsemmi fond, b' mezzi qarrieqa ikkometta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond ghad-dannu tac-Chariman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix 'l elf lira Maltin (Lm 1000) u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 261, 263 (a), 264 (1), 267 u 270 rispettivament tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess lok, zmien u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent tal-elettriku, u fl-ahhar talli ghamel hsara jew gharraq xi apparat jew parti mill-meter tal-elettriku jew sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provvista tal-elettriku jew sigilli taghhom u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 326 (1) c & f tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f' kaz ta' htija tordna lill-imputat Costantino Muscat ihallas spejjez relattivi ghall-perizja peritali rigwardanti l-imsemmi kaz ai termini tal-Artikolu. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta' Awissu 2005 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta' Frar 2006 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirrigwarda allegat serq ta' kurrent elettriku u hsara kagunata fil-meter tad-dawl li kien jinsab fil-garaxx

agjacenti mal-fond numru 17, Triq Preziosi, Hal-Lija liema fond huwa propjeta’ tal-imputat. Mill-provi rrizulta li fit-12 ta’ April 2004 impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta marru fil-fond in kwistjoni sabiex ibiddlu l-meter tad-dawl u dan ghamluh wara li saret talba f’dan is-sens mill-istess imputat u wara li gie iffissat appuntament mal-imputat sabiex isir dan ix-xoghol. Meta dawn l-impjegati marru fuq il-post u ezaminaw il-*meter* dehrilhom li dan seta’ kien imbaghbas u ghalhekk ghamlu rapport lil Pulizija u sussegwentement saret Inkjesta Magisterjali (Process Verbal relattiv esebit a fol. 19 et. sequitur tal-process) fejn gie nominat bhala Espert Tekniku Hugh Camilleri, liema hatra giet konfermata fil-proceduri odjerni. Waqt l-access li zamm fuq il-post l-espert tekniku Hugh Camilleri dan seta’ jikkonstata li l-*meter* tad-dawl in kwistjoni kien jinstab kif tidhol go bieb ta garage fuq ix-xellug inti u diehel madwar tmien piedi l-gewwa. Dan il-bieb kellu brix jikkorespondi mal-meter. Il-meter kien tal-ghamla Ganz u kien igib numru 3686960 u kien qed jirregistra l-konsum, qari kien 27551 units. Kellu s-sigill ta’ fuq tac-comb nieqes waqt li dak t’ isfel ma kienx imbaghbas pero kien maqtugh. Il-cover kellu tghattina fuq in-naha tal-lemin inti u thares lejh fil-parti ta’ quddiem tieghu. Ix-shant kien sew. Mal-cover kien hemm ukoll brix. Mela nqala l-cover fil-presenza tal-esponent instab xi brix max-xifer tal-cover fejn kienet il-gasket. Parti
minn dal-brix kien bi dritt id-diska. Mat-tally plate kien hemm tghattin jikkorrespondi mat-tghattin tal-cover. Id-diska kellha brix tond fil-wicc ta fuq taghha u brix iehor tond max-xifer ta taht.

L-imsemmi espert ikkonkluda is-segwenti dwar dak li sab fil-bieb tal-garaxx u fil-meter tad-dawl:-

‘Minn dak li nstab fil-bieb l-esponent ukoll ikkonkluda xi punti. L-ewwel punt huwa dwar il-brix li kien fih. Dan jindika li qala xi daqqiet. L-esponent innota li dan il-brix kien fuq gewwa u dan jindika li d-daqqiet qalaghhom fuq gewwa tieghu. L-esponent innota ukoll illi l-brix kien bi dritt il-meter. Dan ifisser illi l-bieb zgur laqat mal-meter. It-tieni punt huwa li l-meter kien imwahhal f’ post fejn jintlahaq mill-bieb. Minn dak li sab fil-meter l-esponent ukoll

ikkonkluda xi punti. L-ewwel punt huwa dwar is-sigilli. L-esponent jirreleva li s-sigilli t' isfel kien maqtugh pero mhux imbaghbas. Dan jista' jindika li dan is-sigill inqata mad-daqqa u forsi b' hekk inqalghet il-hold. Dwar is-sigill ta fuq l-esponent jirreleva li dan kien nieqes u ghalhekk ma jistax jghid jekk dan kienx imbaghbas u l-mod kif dan inqata pero l-esponent jghid ukoll illi ladarba sigill minnhom ikun maqtugh il-cover jista' jinfetah liberament aktar u aktar jekk wiehed ikun nieqes. It-tieni punt huwa dwar dak li nstab fil-cover. Id-daqqa li deheret quddiem tidher li kienet kagunata mix-xifer tal-bieb. Dan huwa ndikat mill-mod kif kienet dritta minn fuq ghal isfel. Dwar il-brix li nstab mad-dawra kollha tal-cover l-esponent ikkonkluda li dan il-brix ghalkemm parti minnu setghet saret mid-daqqa pero fejn dan kien bi dritt id-diska ma jidhirx li dan kien il-kaz u allura sata jinghata l-kaz li l-meter meta gie llevat qabel id-daqqa u din setghet kienet premeditata u ntiza biex teqred l-evidenza. It-tielet punt huwa dwar il-brix li kellha t-tally plate. Dan kien wieqaf minn fuq ghal isfel u kien ezatt wara d-daqqa fil-cover. Dan ifisser illi kien ikkagunat mill-istess daqqa.'

Dwar il-brix li kien hemm fid-diska l-espert qal li l-brix tal-wicc ta' fuq ma sarx meta hakket id-diska ghaliex meta jsir hekk dan normalment ikun taht.

Wara li sar l-access mill-espert tekniku sar ukoll Bench Test rigwardanti l-konsum tal-arlogg tad-dawl in kwistjoni u dwar dak li rrizulta mill-Bench Test l-espert tekniku jghid is-segwenti:-

'Minn dak li nstab waqt il-Bench Test l-espert ukoll ikkonkluda xi punti. L-ewwel punt huwa li l-persentaggi li l-meter qara slow jew fast huma minimi u ma jaccedux il-parametri accettati mill-Enemalta. Dan ifisser li jekk jinstabu xi diskrepanzi fil-kontijiet dawn m' humiex dovuti ghal xi difett fil-meter imma ghal fatturi ohrajn bhal safar, bhala, tnaqqis jew zieda fl-apparat u serq ta' kurrent elettriku. It-tieni punt huwa li b' vultagg baxx il-meter ikun slow, meta l-kurrent ikun fin-nofs jizdied l-aktar u meta jkun full load jinzel xi ftit. It-tielet punt huwa li r-registru qara sew. Dan ifisser illi ma kienx imbaghbas.'

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 89 et sequitur) fejn huwa spjega li kien laqat il-meter tad-dawl bil-bieb tal-garaxx u kien ghalhekk talab lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex il-*meter* jitranga jew jinbidel. Huwa spjega li l-impjegati tal-Enemalta ma marrux mal-ewwel sabiex ibbidlulu dan il-*meter* u meta huma eventwalment marru u spezzjonaw il-*meter* huma dehrilhom li dan seta' kien imbaghbas u ghalhekk ghamlu rapport lil Pulizija. L-imputat spjega li sabiex jerga' jibda jinghata s-servizz tad-dawl huwa gie mitlub ihallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin
(Lm250.00) u sussegwentement huwa beda' proceduri civili quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghar-rifuzjoni tal–imsemmi ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250.00). Mill-atti jirrizulta li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar kien laqa' it-talbiet tal-imputat u li huwa fil-fatt thallas lura l-ammont ta' mitejn u hamsin lira (Lm250.00) mill-Korporazzjoni Enemalta (vide atti ta' dik il-kawza esebiti a fol. 88 tal-process). L-imputat jinnega li huwa qatt baghbas fil-meter tad-dawl in kwistjoni

Ikkunsidrat;

Illi wara li ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza, l-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li ma kienx hemm serq ta' kurrent elettriku da parti tieghu, li huwa ma kienx baghbas il-*meter* in kwistjoni u li l-hsara li nstabet fil-*meter* kienet effettivament giet kagunata meta l-istess *meter* intlaqat bil-bieb tal-garaxx. Dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet li huma is-segwenti:-

1. Kien l-imputat stess li talab lil Enemalta sabiex jinbidel il-*meter* u l-haddiema tal-Enemalta marru fil-fond f'data miftehma mal-istess imputat. Li kieku l-imputat kellu x'jahbi huwa certament li ma kienx jirraporta hu stess il-hsara fil-*meter* u jitlob li dan jigi mibdul u in oltre kien jaccerta ruhu li ma halliex tracci tal-allegat tbaghbis fil-

*meter* qabel ma jaghmel appuntament mal-haddiema tal-Enemalta sabiex jinbidel il-*meter*.

2. Minn ezami tal-konkluzjonijiet tal-espert tekniku Hugh Camilleri, liema konkluzjonijiet gew riportati fil-paragrafi precedenti, rrizulta li l-*mete*r kien f'pozizzjoni li jintlaqat mill-bieb tal-garaxx u li parti sostanzjali mill-hsara li giet konstatata fil-*meter* effettivament setghat giet kawzata minn daqqa mill-bieb tal-garaxx.

3. Huwa minnu li dwar il-brix li kien hemm fid-diska l-espert tekniku qal li l-brix li kien hemm fuq in-naha ta' taht ma kienx kompatibbli ma daqqa. F'dan ir-rigward izda l-Qorti tirrileva li rrizulta li d-diska kienet maghtna u dan it-taghtin huwa kompatibbli ma daqqa. Inoltre jekk wiehed jara l-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert tekniku dwar ir-rizultanzi tal-*bench test* isib li l-persentaggi li l-meter in kwistjotni qara *slow* jew *fast* huma minimi u ma jeccedux il-parametri accettati mill-Korporazzjoni Enemalta. Skond l-istess espert tekniku ir-registru qara sew u dan jindika li ma kienx imbaghbas.

4. Il-fatt li l-imputat ha sehem pro-attiv fil-vicenda kollha jirrendi l-verzjoni tieghu aktar verosimili.

Abbazi ta' dawn il-fatturi kollha appena elenkati l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma tistax titqies li pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-akkuzi migjuba minnha fil-konfronti tal-imputat u dan anki ghaliex l-istess imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li l-hsara riskontrata fil-*meter* tad-dawl in kwistjoni giet kagunata bid-daqqa li l-meter qala' mill-bieb tal-garaxx u li huwa ma kienx baghbas il-meter in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------